MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1037/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Roderick Agius**

**VS**

**Antoine Gauci, iben Charles u Anne nee' Zammit, imwieled Tal Pieta' nhar l-1 ta' Marzu, 1977, minghajr indirizz fiss ghax homeless, detentur tal-karta tal-identita' numru 149977M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Antoine Gauci** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Ottubru, 2013, u l-20 ta' Ottubru, 2023, ghall-habta tas-1.30hrs, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma

titqisx vjolenza pubbika kontra PS 772 D Agius, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt illi kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq PS 772 D Agius, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt illi kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb illi jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, m’obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

4. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 ta’ Ottubru, 2013 u l-20 ta’ Ottubru, 2013, hgall-habta ta’ 23.30hrs, gewwa Paris Flats, fi Triq id-Dielja, Qormi u f’dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel xi hsara fil-bieb tal-komun tal-flats liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta’ Elaine Gauci u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin, kien fis-sakra, f’post espost ghall-pubbliku ma kinx f’kundizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu;

6. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;

7. U aktar talli b’hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

8. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' xahar(1) prigunerija sospiza ghal erba'(4) snin, moghtija mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D., moghtija fis-sena 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat illi fi stadju ta' interrogatorju, l-imputat wiegeb illi kien hati tar-reati kif dedotti fil-konfront tieghu; kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-istess.

Rat il-fedina penali ferm kopjuza tal-akkuzat.

Rat illi in vista' tal-ammissjoni, din il-Qorti ordnat illi jigi redatt Pre-Sentencing Report - allura ezebit mill-Ufficjal tal-Probation a folio 29 bhala Dok ZB. Rat ghalhekk bir-reqqa r-rakkomandazzjonijiet hemm inkluzi. Semghet anke lill-Ufficjal tal-Probation tikkonferma l-istess.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Melchiore Ellul, li xehed f'isem is-Sedqa, dwar l-ghajnuna li jista' jircievi l-imputat fir-rigward tal-problema li ghandu l-istess fejn jidhol il-vizzju tal-alcohol – problema li hija wahda ferm akuta, u s-soluzzjoni ghall-ghajnuna fil-konfront tal-istess.

Illi in vista' ta' dak kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi Antoine Gauci hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 94, 95, 96, 338, 49, 50, u 28A – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2); Rat ukoll l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Qorti qieghda tiskatta wkoll is-sentenza sospiza ta' xahar(1).

Tirrakkomanda wkoll il-Qorti, anke wara li rat ir-rakkomandazzjoni in parte tal-Ufficjal tal-Probation, illi l-istess imputat jinghata kull ghajnuna possibbli biex jigi meghjun biex jeghleb il-problema kontra l-abbuz tal-alcohol.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------